# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2017

**Kawża Nru. 20**

**Rik. Nru. 174/08JRM**

Angelic **MIFSUD** għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera *F.U.N.I.M.E.D. Srl* (Reġ. Nru. 02195770819)

vs

Dr. Anthony **CUTAJAR** u P.L. Hilda Ellul Mercer bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-bastiment '*M.v. Kaleej 1*' irreġistrat taħt il-bandiera Libjana; u b'degriet tat-28 ta' Mejju, 2008, assuma l-atti tal-kawża minflok l-imsemmija Kuraturi Deputati Carmelo *sive* Charles Grech in rappreżentanza tal-bastiment konvenut

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-19 ta' Frar, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti (i) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ, għall-finijiet u effetti tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ssib li l-bastiment imħarrek għandu jħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' sitta u tletin elf tliet mija u

tlieta u erbgħin euro (€ 36,343), li tirrappreżenta l-prezz ta' prodotti għas-sajd fil-baħar lilu minnha mibjugħin; u (iii) tordna lill-bastiment imħarrek iħallasha l-imsemmija somma bilanċjali ta' sitta u tletin elf tliet mija u tlieta u erbgħin euro (€ 36,343). Talab ukoll l-imgħaxijiet legali minn dakinhar li l-ammonti kellhom jitħallsu sal-jum tal-ħlas effettiv, flimkien mal-ispejjeż kollha, magħduda dawk tal-Mandat ta' Qbid (kawtelatorju) u tal-Mandat ta' Impediment tat-Tluq ta' Bastiment;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Marzu, 2008[1], li bih laqgħet talba mressqa minn Charles Grech biex jassumi l-atti tal-kawża f'isem il-bastiment imħarrek minflok il-Kuraturi Deputati li nħatru meta nfetħet il-kawża;

Rat in-Nota mressqa minn Carmelo *sive* Charles Grech fit-3 ta' April, 2008[2], li biha assuma l-atti tal-kawża f'isem il-bastiment minflok il-Kuraturi Deputati;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' April, 2008[3], li bih sabet li l-bastiment imħarrek kellu eċċezzjonijiet biex jitħalla jikkontesta l-kawża u għalhekk tatu żmien biex iressaq Tweġiba Maħlufa;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek *nomine* fit-18 ta' April, 2008, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal din il-Qorti ma għandhiex il-ġurisdizzjoni fl-azzjoni *in rem* biex tisma' l-kawża, għall-finijiet tal-artikoli 742 u 742D tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex, meta nfetħet il-kawża *in rem* kontra l-bastiment imħarrek '*Mv Kaleej 1*', il-persuna li kontriha setgħet tressqet azzjoni *in personam* ma kenitx u la sid, la noleġġatur u lanqas kienet fil-pussess tal-imsemmi bastiment taħt il-kontroll tagħha. Laqa' wkoll billi qal li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-bastiment imħarrek u l-attriċi, ladarba l-bastiment għadda f'idejn terzi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Ġunju, 2008, li bih ordnat li l-kawża tinstema' flimkien mal-kawża fl-ismijiet "*Dr Adrian Camilleri noe vs Charles Grech noe*" (Rik. Nru. 173/08);

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa fl-atti tal-kawża msemmija;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek *nomine* fl-10 ta' Marzu, 2009[4], dwar l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni;

---

[1] Paġ. 33 tal-proċess
[2] Paġ. 35 tal-proċess
[3] Paġ. 36 tal-proċess
[4] Paġġ. 62 – 9 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *nomine* fis-17 ta' April, 2009[5], bi tweġiba għal dik tal-imħarrek *nomine*;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-att kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża li kienet qiegħda tinstema' magħha;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni *in rem* li permezz tagħha l-kumpannija attriċi barranija[6] (minn issa 'l hemm imsejħa "Funimed") qed titlob mingħand il-bastiment imħarrek (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Bastiment") il-ħlas ta' diversi prodotti għas-sajd fil-baħar lilu forniti fuq talba tiegħu. Din il-kawża qed tinstama' flimkien ma' kawża oħra magħmula kontra l-Bastiment mill-kumpannija li biegħtu lil kumpannija oħra;

Illi għal din l-azzjoni l-Bastiment laqa' billi, b'mod preliminari, qal li din il-Qorti ma għandhiex il-ġurisdizzjoni fl-azzjoni *in rem* biex tisma' l-kawża, għall-finijiet tal-artikoli 742 u 742D tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex, meta nfetħet il-kawża *in rem* kontrih, il-persuna li kontriha setgħet tressqet azzjoni *in personam* ma kenitx u la sid, la noleġġatur u lanqas kienet fil-pussess tal-imsemmi bastiment taħt il-kontroll tagħha. Laqa' wkoll billi qal li dak li Funimed qiegħda titlob il-ħlas tiegħu ma jikkonsistix fi provviżjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament jew armar li sar qabel it-tluq tal-Bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu. Temm jgħid li ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejn il-Bastiment u Funimed ladarba l-Bastiment għadda f'idejn ħaddieħor;

Illi <u>l-fatti ewlenin </u>li għandhom x'jaqsmu mal-każ u mal-eċċezzjoni mistħarrġa juru li l-Bastiment, li kien wieħed tas-sajd u tal-għamla ta' "*trawler*", inbena fl-Italja fl-1970, ingħata l-isem ta' "*Nuova Aretusa*" u għal xi żmien kien itajjar il-bandiera Taljana. Sidt il-Bastiment kienet soċjeta' Taljana jisimha *Gancitano Pesca di Gancitano Vito & Piero Snc*;

---
[5] Paġġ. 72 – 8 tal-proċess
[6] Dok "AM6" f'paġġ 23 – 7 tal-proċess

Illi fis-16 ta' Mejju, 2006[7], *Gancitano Pesca* biegħet il-Bastiment lil kumpannija jisimha Leyton Import Export Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa "Leyton"), kumpannija inkorporata f'Port Louis, fir-Repubblika tal-Mauritius[8], fi żmien meta l-Bastiment ma kien itajjar bandiera tal-ebda pajjiż ("*Bandiera dismessa*");

Illi l-imħarrek *nomine* Carmelo Grech deher bħala prokuratur speċjali għall-kumpannija xerrejja (Leyton) skond prokura speċjali magħmula fit-2 ta' Mejju, 2006[9]. Sa minn dakinhar li sar il-bejgħ, huwa kien ukoll il-kaptan tal-Bastiment[10]. L-imħarrek *nomine* ħareġ ċekkijiet ta' ħlas pagabbli lill-kumpannija attriċi minn kont bankarju tiegħu (u ta' martu)[11] "biex jgħin lil Laeyton" u kien fadal bilanċ li ried jitħallas[12]. Fil-25 ta' Lulju, 2006, l-awtoritajiet marittimi tar-Repubblika ta' Belize ħarġu ċertifikat ta' reġistrazzjoni validu sal-24 t'Ottubru 2006[13]. Fis-27 ta' Settembru 2006 din ir-reġistrazzjoni tħassret mill-istess awtoritajiet ta' Belize[14];

Illi jidher li meta Leyton xtrat il-Bastiment mingħand *Gancitano Pesca,* hija kellha diġa' l-fehma li tbiegħu lil terzi u x'aktarx kienet diġa' sabet il-bejgħ tiegħu. Kemm hu hekk, Brian Spiteri xehed li Leyton kienet biss bħala "intermedjarju"[15] u ma kienet qatt il-fehma ta' Leyton li taħdem bil-bastiment għas-sajd[16];

Illi f'Ġunju 2006[17], waqt li l-Bastiment kien hawn Malta, Leyton biegħetu lil kumpannija jisimha *Tsharkiat Alkalej Le Aseed Albahary* (minn issa 'l hemm imsejħa "Alkalej"), reġistrata f'Misurata, fil-Libja, għall-prezz ta' erbgħin elf dollaru (Amerikan) (US$ 40,000) wara li kien sar "att ta' konvenju" f'xi żmien qabel il-25 ta' April tal-2006[18]. L-imħarrek *nomine* baħħar il-Bastiment sa Misurata. Kien hu ukoll li, f'isem Leyton u bħala kaptan tal-Bastiment, f'Ottubru tal-2006, talab l-awtorizżazzjoni sabiex jingħata l-permess tat-tbaħħir mill-awtoritajiet doganali f'Malta wara li l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'Malta kien awtorizża li l-Bastiment itajjar il-bandiera Libjana sakemm idum hawn Malta u jbaħħar sal-Libja[19];

---

[7] Dok "A", f'paġġ. 4 – 9 tal-proċess 173/08JRM
[8] Dok "BS4", f'paġġ. 145 sa 152 tal-proċess 173/08JRM
[9] Dok "BS" f'paġ 137 tal-proċess 173/08JRM
[10] Xhieda tiegħu f'paġ 86 tal-proċess 173/08JRM
[11] Ara Dok "GA3", f'paġ. 11 tal-atti tar-Rikors ta' Revoka 280/08JRM
[12] Xhieda tiegħu f'paġġ. 88 u 104 – 5 tal-proċess 173/08JRM
[13] Dok "BS1", f'paġ. 138 tal-proċess 173/08JRM
[14] Dok "BS5", f'paġ. 153 tal-proċess 173/08JRM
[15] Xhieda tiegħu f'paġ. 158 tal-proċess 173/08JRM
[16] *Ibid.* f'paġ. 163 tal-proċess 173/08JRM
[17] In-"*Navigation Booklet*" relattiv għall-Bastiment maħruġ mill-awtoritajiet Libjani jsemmi d-data bħala t-18.6.2006, Ara Dok "B", f'paġġ. 40 sa 51 tal-proċess
[18] Dok "BS2", f'paġġ. 141 – 3 tal-proċess 173/08JRM
[19] Dok "BS6", f'paġġ. 154 – 5 tal-proċess 173/08JRM

Illi l-bejgħ tal-materjal tas-sajd mingħand Funimed sar, kif jidher mill-fatturi esibiti, bejn l-10 ta' Awwissu 2006 u l-31 ta' Marzu 2007[20]. Għajr għal fattura waħda (li nħarġet kontra l-imħarrek Grech), il-fatturi kollha nħarġu kontra Leyton. In-negozjati għall-bejgħ tal-materjal fornit lill-Bastiment kienu saru ma' l-imħarrek *nomine* u t-tagħmir mibjugħ intuża mill-Bastiment u kien għadu fuqu meta l-Bastiment inqabad f'Malta[21]. Il-materjal kien jikkonsisti f'ċimi tal-azzar, xbiek tas-sajd u tagħmir ieħor li jintuża għas-sajd;

Illi bħalma ġara fil-każ tal-bejgħ tal-Bastiment, l-imħarrek *nomine* ħareġ iċ-ċekkijiet favur Funimed f'ismu personali (minn kont bankarju tiegħu u ta' martu) bejn Settembru u Ottubru tal-2007[22], bil-ħlas tal-fatturi mertu tal-kawża tallum, liema ċekkijiet ma kinux onorati meta Funimed jew sidha Giuseppe Zottolo ippreżentawhom għall-ħlas;

Illi fl-24 ta' Diċembru 2006, il-Bastiment ġie irreġistrat fir-reġistru marittimu ta' Misurata fil-Libja, b'sidtu tkun Alkalej[23], u minn dakinhar il-Bastiment inbidillu ismu u beda jissejjaħ "*Kaleej 1*". L-imħarrek *nomine* jgħid li l-Bastiment laħaq għamel tliet vjaġġi bejn Misurata u Malta sakemm ġie arrestat. F'wieħed minn dawn il-vjaġġi, matul Awwissu tal-2007[24], inħariġlu ċertifikat sanitarju għall-finijiet tal-artikolu 39 tal-*International Health Regulations*;

Illi f'xi data qrib l-1 t'Ottubru 2007 il-Bastiment iddaħħal Malta għal tiswijiet. L-imħarrek *nomine* jgħid li saħansitra hu u ġej bil-Bastiment lejn Malta inqalgħetlu ħsara u kellu jiddaħħal f'Malta irmunkat[25]. Fl-1 ta' Novembru, 2007[26], nħareġ Mandat ta' Arrest kontrih waqt li kien imtella' l-art f'Marsaxlokk għat-tiswijiet. Jirriżulta li fit-12 ta' Ottubru, 2007[27], kienu nħarġu Mandat ieħor bħalu u Mandat ta' Qbid minn Funimed għall-ħlas ta' provisti mogħtijin lill-Bastiment;

Illi Funimed fetħet din il-kawża fid-19 ta' Frar, 2008, wara li bi ftehim bejn il-partijiet ġie mtawwal iż-żmien li fih seta' jibqa' fis-seħħ il-Mandat sakemm saret il-kawża, billi sadanittant kienu qegħdin isiru tentativi għal ftehim bejniethom dwar il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz fuq imsemmi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' għamla legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li l-partijiet f'din il-kawża jaqblu li l-

[20] Dokti "AM1" sa "AM4", f'paġġ. 5 sa 19 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Gianpiero Ziottolo f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess
[22] Dok "AM5", f'paġġ. 20 – 2 tal-proċess
[23] Dokti "B" u "RMV1" f'paġġ. 24 – 9 u 39 sa 48 tal-proċess 173/08JRM
[24] Dok "MRV2", f'paġġ. 49 sa 51 tal-proċess 173/08JRM
[25] Xhieda tiegħu f'paġ. 88 tal-proċess 173/08JRM
[26] Mandat 1627/07 Dok "MRV5", f'paġġ. 69 – 70 tal-proċess 173/08JRM
[27] Mandat 1531/07 Dok "RMV3", f'paġġ. 51 sa 65 tal-proċess 173/08JRM

azzjoni mnedija minn Funimed hija l-azzjoni *in rem*. Din l-għamla ta' azzjoni titlob li l-Bastiment ikun jinsab fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin jew, jekk wara li jinqabad f'Malta jew fl-ibħra tagħha, tinħareġ garanzija xierqa mill-Bastiment fuq liema tkun tista' ssir l-eżekuzzjoni tas-sentenza favorevoli li tista' tingħata fuq it-talba tal-kreditur, u dan ukoll jekk il-bastiment ibaħħar minn Malta wara li tkun ingħatat l-imsemmija garanzija[28]. F'dan il-każ, il-Bastiment inqabad u kien arrestat meta kien f'Malta u hekk għadu sallum;

Illi l-kwestjoni mqanqla bl-eċċezzjoni taħt eżami mhijiex dik dwar il-preżenza tal-Bastiment fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija, imma jekk kemm-il darba l-pretensjoni tal-kumpannija attriċi fuq l-istess Bastiment għadhiex tista' titressaq bħala tali, ladarba l-Bastiment bidel l-idejn u ladarba qabel ma nfetħet il-kawża għaddiet aktar minn sena minn meta dan kien ġara. L-imħarrek *nomine* jgħid ukoll li, f'kull każ, il-pretensjoni ta' Funimed ma tikkwalifikax bħala kreditu privileġġjat minn dawk maħsuba fl-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234);

Illi l-imħarrek *nomine* qiegħed jeċċepixxi li għalkemm il-pretensjoni ta' Funimed jista' jkun li taqa' taħt is-subinċiż (o) tal-artikolu 742B tal-Kap 12, b'daqshekk ma jfissirx li l-kreditur ikollu d-dritt jeżerċita azzjoni *in rem*, għaliex, skond l-imsemmi artikolu, biex din l-azzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata jinħtieġ jew (i) ikun każ li jiġbed fuqu l-privileġġ speċjali skond l-artikolu 50 tal-imsemmi Kap 234 **u** li, skond l-artiklu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu iseħħu sa sena wara l-bejgħ volontarju ta' bastiment; inkella (ii) jkun każ imsemmi fl-artiklu 742B (d) sa (y) tal-Kap 12 u (*a*) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni *in personam* ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt *bareboat charter* ta' dak il-vapur; (*b*) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment;

Illi l-imħarrek *nomine* jgħid li meta tnissel il-kreditu li huwa l-mertu tal-kawża tallum, il-"*persuna rilevanti*" kienet Leyton li lilha u fi żmien li hija kienet sidt il-Bastiment saru l-konsenji tat-tagħmir mibjugħ. Kemm hu hekk, huwa jgħid li l-fatturi kollha (tneħħi waħda li nħarġet kontrih) inħarġu lil Leyton. Iqanqal ukoll l-argument li wħud mill-konsenji magħmulin minn Funimed lill-Bastiment saru qabel ma Leyton saret sidt il-Bastiment. Madankollu, jgħid li meta Funimed fetħet din il-kawża, il-Bastiment kien ilu aktar minn sena mibjugħ lil u

[28] Kumm. **14.12.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi noe et vs Ganado noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.843**), u App. Ċiv. **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Mare Blu Tuna Farm Ltd. vs Dr Louis Cassar Pullicino noe et***.

mixtri minn Alkalej. Biex Funimed ikollha l-jedd li ssostni l-azzjoni tagħha *in rem,* għalhekk jeħtiġilha turi li l-kreditu jaqa' taħt xi waħda mill-irjus imsemmija fl-artikolu 50 tal-Kap 234;

Illi l-imħarrek *nomine* jgħid li s-sub-artikolu (m) tal-artikolu 50 tal-Kap 234 tabilħaqq jagħti privileġġ lil xi kreditur ta' bastiment dwar proviżjonijiet, ħwejjeġ tal-ikel, armamenti u armar qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu. Imma, l-ħlas li Funimed qiegħda titlob f'din il-kawża ma jirreferix għall-aħħar vjaġġ tal-Bastiment, għaliex mill-provi ħareġ li t-tagħmir kien tgħabba u ntuża mill-Bastiment sa minn qabel ma nbiegħ lil Alkalej f'Diċembru tal-2006. Jisħaq li l-aħħar vjaġġ tal-Bastiment kien dak fil-bidu ta' Ottubru tal-2007, meta mbagħad daħal irmunkat f'Malta u nżamm hawnhekk, u sa dakinhar ix-xhieda turi li l-Bastiment kien diġa' baħħar bejn Malta u Misurata (fil-Libja) minn tal-anqas tlitt darbiet. L-imħarrek *nomine* jgħid li l-kunċett tal-"aħħar vjaġġ" irid jingħata tifsira partikolari u bla twessigħ żejjed, l-aktar fejn jidħol il-ħarsien ta' privileġġi veljanti fuq bastiment;

Illi, min-naħa tagħha, Funimed twarrab dawn is-sottomissjonijiet tal-imħarrek *nomine* u tisħaq li l-materjal li tiegħu hija qiegħda tfittex f'din il-kawża l-ħlas tal-bilanċ li għadu mhux imħallas jaqa' sewwasew fit-tifsira ta' "pretensjoni" dwar "provvisti u neċessitajiet" li dwarhom jitkellem l-artikolu 742B(o) tal-Kap 12. Iżżid tgħid li n-negozjati għall-bejgħ u l-konsenji tat-tagħmir mitlub saret mill-imħarrek Grech u li dan qatt ma kien għarrafha li l-Bastiment kien inbiegħ lil Alkalej. Mhux hekk biss, imma l-istess imħarrek *nomine* baqa' jaġixxi, jidher u jqis ruħu bħala r-rappreżentant tal-Bastiment u saħansitra l-kaptan tiegħu sal-aħħar vjaġġ effettiv. Hija għalhekk tisħaq li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' l-kawża bis-saħħa tal-artikolu 742D(a) tal-Kap 12 billi l-azzjoni saret kontra l-Bastiment kif rappreżentat mill-"persuna rilevanti". Minbarra dan, tgħid li hija bdiet fiż-żmien mitlub mil-liġi l-azzjoni tagħha kontra l-Bastiment ladarba kienet talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji kontrih fi żmien ta' anqas minn sena minn mindu Leyton biegħetu lil Alkalej, u għaldaqstant nediet l-'azzjoni' li l-liġi ssemmi biex tinżamm fis-seħħ;

Illi meta mbagħad Funimed iddur lejn is-sottomissjonijiet tal-Bastiment dwar jekk il-kreditu minnha pretiż igawdix minn privileġġ taħt l-artikolu 50(m) tal-Kap 234, hija tisħaq li l-Qorti ma jmisshiex toqgħod fuq dawk is-sottomissjonijiet. Hija tgħid li l-materjal inbiegħ lill-Bastiment qabel l-aħħar vjaġġ u li kulma trid il-liġi huwa li l-fornimenti jkunu saru qabel ma bastiment ikun baħħar l-aħħar darba u mhux għal fornimenti li jkunu ntalbu biex u qabel ma jsir l-aħħar vjaġġ tiegħu;

Illi, fid-dawl tal-imsemmija sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti tibda biex tqis li l-ġurisdizzjoni *in rem* li Funimed tisħaq li għandhom il-Qrati Maltin fil-każ

imressaq minnha tinbena fuq l-artikolu 742D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid hekk: "*Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra - (a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt* bareboat charter *ta' dak il-vapur; (b) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment.*";

Illi mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet f'dan ir-rigward, joħroġ li wieħed min-nuqqas ta' qbil li hemm bejniethom jirrigwarda t-tifsira tal-kelma "azzjoni" (fil-verżjoni ingliża "*action*") fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattivi għall-azzjoni *in rem*. Jidher li, għal dak li jirrigwarda l-azzjoni *in rem*, il-Qrati Maltin għarfu li "*Historically, there have been two schools of thought. One school has viewed the rem action (claim) as a means of compelling the defendant liable for the claim to appear in court and defend the claim personally (known as the procedural theory). **In other words, an in rem claim really aims at the person who is interested in the ship,** who will - after appearance - be personally liable, beyond the value of the ship, if the claim exceeds its value. The other school of thought has **viewed it as being against the res** and has developed from the concept of maritime liens, which attach on the ship from the moment of the incident that gave rise to the claim. In other words, the res has been considered to be the 'personified' defendant, hence, the name attibuted to this theory is known as the 'personification theory' ... The procedural theory gradually gained preponderance amongst English judges over the personification theory, particularly since 1892, when Sir. Francis Jeune decided **The Dictator**, which, in fact, concerned the enforcement of a maritime lien claim for salvage, that is, a truly in rem claim.... the procedural theory prevailed and, but for two decisions, which concern truly in rem claims and seem to be against it, there have been no other authorities that are inconsistent with **The Dictator***"[29];

Illi Funimed tisħaq li l-kelma "azzjoni" ma tfissirx biss "kawża" imma tinkludi wkoll kull għamla ta' proċedura li biha ssir talba biex tinġabar is-somma

[29] App. Ċiv.**30.11.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Max Ganado noe vs Kaptan Sebastiano Pizzimenti*** u App. Ċiv. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***International Paint Ltd vs M.v. Plopeni et***

garantita bil-privileġġ[30]. Hija tgħid li dan iseħħ ukoll b'talba għall-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju fuq il-bastiment li jkun. Minħabba f'hekk, hija tissottometti li ladarba ħarġet il-mandati kawtelatorji bejn Ottubru u Novembru tal-2007 (jiġifieri f'anqas minn sena minn meta l-Bastiment kien ġie reġistrat fir-Reġistru ta' Misurata fl-24 ta' Diċembru tal-2006) b'hekk ifisser li hija mexxiet f'waqtha l-azzjoni tagħha kontra l-Bastiment;

Illi kif se jingħad aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, il-kriterju dwar jekk l-azzjoni *in rem* tkunx infetħet fi żmien sena minn meta bastiment ikun inbiegħ volontarjament tgħodd biss fejn il-kreditu li jifforma l-mertu tal-istess azzjoni jkun wieħed li jaqa' taħt is-sensiela ta' krediti privileġġjati msemmija fl-artikolu 50 tal-Kap 234. Għalissa, l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dwar xi trid tfisser il-liġi bil-kelma "azzjoni";

Illi fil-qasam marittimu u l-iżjed f'għadd ta' konvenzjonijiet internazzjonali insibu l-kelma "*suit*" minflok il-kelma "*action*" jew "azzjoni". Dawn il-kliem iżda huma ġeneralment sinonimi[31]. Il-kelma "*suit*" tfisser "*the legal and formal demand of one's right from another person or party made and insisted on in a court of justice*"[32]. Ingħad b'awtorita` li ittra mibgħuta minn ditta ta' avukati mhix "*suit*": "*The one-year time bar is only interrupted if a "suit" is brought by a competent claimant, that is, one having title to sue in a competent court (which may be a foreign court). It is therefore obvious that a letter before action by a law firm addressed to the carrier no matter how harshly worded the contents thereof still falls short of such requirement. Accidential misdescription of a party will not cause the suit to be invalidated, nor will amendment of detail in pleadings, but an amendment to incorporate a cause of action not previously pleaded will invalidate the suit.*"[33]. "*Suit*" tgħodd fiha proċeduri ta' arbitraġġ[34]. Ittra mibgħuta lill-*carrier* b'talba li jinħatar arbitru kienet tissodisfa r-rekwiżit ta' "*suit is brought*"[35], hekk ukoll avviż bil-fax li kien jgħid li kien qiegħed jinħatar arbitru[36];

Illi l-Qorti tagħraf li f'xi każijiet il-Qrati Maltin jidher li setgħu qiesu li kreditur ta' bastiment wettaq il-vot tat-tressiq ta' azzjoni kontra l-istess bastiment mat-tressiq ta' att ġudizzjarju, imqar jekk ikun wieħed kawtelatorju (bħalma huwa Mandat kawtelatorju)[37]. Madankollu, fid-dawl tal-prinċipji hawn fuq imsemmija u t-tifsir mogħti, jidher li l-kliem "azzjoni" jew "*suit*" jirreferu għal

[30] B'riferenza għall-artt. 37D(3) u 50 tal-Kap 234
[31] "*the terms action and suit are now nearly, if not entirely synonymous*" (3 Bl.Comm. 3, 116, *et passim.*) iċċitata minn Black's Law Dictionary, 1968, taħt il-vuċi "*Action*" paġna 49.
[32] ***Smith-Webster Co. vs. John***, C.C.A.Pa, 259, 551
[33] ***The Jay Bola*** [1992] 2 Lloyd's Rep. 62.
[34] ***The Nordglimt*** [1988] Q.B. 183.
[35] ***The Merak*** [1965] P. 223; ***Nea Agrex SA vs Baltic Shipping Co Ltd*** [1976] Q. B. 933
[36] ***Petredec vs Tokumaru Kaiun Co; The Sargasso*** [1994] 1 Lloyd's Rep. 162; ***Allianz Versicherungs Aktiengesellschaft vs Fortuna Co Inc*** [1999] C.L.C. 258
[37] Ara, b'eżempju, P.A. JPG **12.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Fuel Ltd vs M.v. K. Dadayli (ex Nuri Uzun)***

"kawża"[38] vera u proprja u mhux ukoll għal miżuri prekawzjonali bħall-mandati kwatelatorji li jittieħdu qabel u flimkien mal-ftuħ ta' kawża;

Illi t-tieni kwestjoni bejn il-partijiet tirrigwarda n-natura tal-kreditu pretiż minn Funimed u jekk tali kreditu jgawdix minn privileġġ taħt l-artikolu 50 tal-Kap 234;

Illi l-kreditu li dwaru Funimed fetħet din il-kawża tippretendi li għandha jedd għalih huwa tax-xorta li jirreferi għalih l-artikolu 742B(*o*) tal-Kap 12 li jitkellem dwar "*kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet, bunkers, provvisti u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma u manutenzjoni tiegħu*" u taħt l-artikolu 50(o) tal-Kap 234 li jitkellem dwar "*il-flus li jkollhom jieħdu il-kredituri għal proviżjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu: Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid*". Il-kelma "neċessitajiet" hija traduzzjoni tal-kelma "*necessaries*" li tkopri "*all that is fit and proper for the service in which the ship is engaged and that the owner, as a prudent man, would have ordered if he had been present*"[39]. M'hemmx dubbju li materjal tas-sajd huwa meħtieġ għal bastiment tas-sajd u li l-Bastiment xtrah għal dak il-għan, ladarba l-imħarrek *nomine* nnifsu xehed dwar l-għan tal-użu tiegħu;

Illi għalhekk, fil-każ in ispeċje, biex il-Qrati Maltin ikollhom ġurisdizzjoni jinħtieġ **jew** li d-dejn ikun sar qabel l-aħħar vjaġġ **u** ma tkunx għaddiet sena minn meta l-bastiment inbiegħ lil terzi **inkella** il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni *in personam* tkun, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-bastiment, tkun, meta tinġieb l-azzjoni, sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-bastiment jew in-noleġġatur taħt *bareboat charter* tiegħu;

Illi mill-atti joħroġ li l-kreditu pretiż minn Funimed inħoloq meta l-Bastiment kien għadu l-Italja hekk kif kien għadu kif inbiegħ lil Leyton, imma jkopri fornituri wkoll wara li nbiegħ lil Leyton. Wara li nħoloq il-kreditu, il-Bastiment għamel vjaġġ mill-Italja lejn Malta u tliet vjaġġi bejn Misurata u Malta. Dawn il-vjaġġi kienu relatati ma' attivita` ta' sajd. Żgur li għalhekk il-kreditu ma sarx qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu, anke skond it-tifsira l-iktar wiesgħa li tista' tingħata lill-frażi "*l-aħħar vjaġġ*";

Illi f'dan ir-rigward l-imħarrek *nomine* jgħid sewwa. Kemm hu hekk ingħad

[38] Bħalma fil-Kodiċi Ċivili tintagħmel distinzjoni bejn "*att* ġudizzjarju" (art. 2128) u "*talba* ġudizzjarja" (art. 2131)
[39] Christopher Hill, Maritime Law (LLP 1998 paġna 98), kif iċċitat minn din il-Qorti (GV) fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Ship Repair Ltd vs mv Northella*** **28.5.2003**

b'awtorita` illi "*L-artikolu rilevanti għall-finijiet ta' dan l-eżami huwa l-artikolu 50(m) tal-Kap. 234 imsemmi. Dan l-artikolu jkopri b'privileġġ il-flus li jkollhom jieħdu l-kredituri għal provizjonijiet, ħwejjeġ ta' ikel, armament u armar, qabel it- tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu. L-ewwel Qorti qalet li l-liġi ma tesiġix li l-kreditu partikolari jkun seħħ proprju fil-port tat-tluq tal-aħħar vjaġġ eżatt qabel it-tluq mill-istess port; basta li jkun seħħ qabel it-tluq għall-aħħar vjaġġ. Din il-Qorti, ma taqbilx ma' din il-veduta tal-ewwel Qorti, u tara li l-liġi, fil-verita`, tolqot id-djun inkorsi fil-port qabel ma l-vapur jitlaq għall-aħħar vjaġġ tiegħu u mhux lid-djun inkorsi f'okkażjonijiet preċedenti*"[40];

Illi stabbilit dan il-fatt, il-Qorti tqis li Funimed ma tistax tistrieħ fuq il-privileġġ imsemmi fl-artikolu 50(m) tal-Kap 234, għaliex iċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi dwar l-imsemmi privileġġ ma jirriżultawx fil-każ tal-kreditu pretiż minnha kontra l-Bastiment, sewwasew għaliex il-fornituri tat-tagħmir li tiegħu qiegħda titlob il-ħlas ma sarux fl-okkażjoni tal-aħħar vjaġġ tal-Bastiment. Minħabba f'hekk, il-Qorti jidhrilha li mhemmx għalfejn, anzi jkun bla siwi, li tgħaddi biex tistħarreġ jekk għaddietx sena mill-bejgħ tal-Bastiment lil terzi jew le għall-finijiet tas-siwi tal-azzjoni tagħha kontra l-istess;

Illi jibqa' l-ħtieġa li l-Qorti tqis allura jekk għandhiex is-setgħa li tisma' din il-kawża *in rem* taħt id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-artikolu 742D tal-Kap 12. Dan l-artikolu jikkontempla biss żewġ ipoteżi f'każ ta' kreditu li jaqa' taħt xi waħda mill-irjus (d) sa (y) tal-artikolu 742B tal-istess Kodiċi. Bħalma ngħad qabel, il-pretensjoni ta' Funimed taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 742B(o) tal-Kap 12. Imma dan biss ma jnissilx il-jedd li titressaq azzjoni *in rem*: iridu jkunu jgħoddu l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak l-artikolu biex azzjoni bħal dik tkun tista' titressaq u titmexxa 'l quddiem b'suċċess;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha, Funimed tgħid li fil-każ tagħha, il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti tissejjes fuq dak li jgħid l-artikolu 742D(a) tal-Kap 12. Il-Qorti tqis li dawk id-dispożizzjonijiet jikkontemplaw żewġ waqtiet rilevanti u li t-tnejn flimkien iridu jirriżultaw biex l-azzjoni tista' titressaq: trid titqies iċ-ċirkostanza u n-natura tal-kreditu fil-waqt meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni; imma trid titqies ukoll iċ-ċirkostanza fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha mill-provi ħareġ li l-fatturi inħarġu kważi kollha f'isem Leyton għajr għal waħda f'isem Carmelo Grech. B'danakollu, l-involviment kontinwu ta' Charles Grech fil-bosta ċirkostanzi tat-tħaddim tal-Bastiment, juru li (i) meta xtara l-materjal tas-sajd mingħand Funimed huwa kellu l-pussess effettiv tiegħu u kien il-persuna rilevanti għaliex kien il-kaptan tal-istess. Dan billi ppreżenta ruħu bħala l-kaptan u wiegħed lil

[40] App. Ċiv. **9.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Kris Borg noe vs Kaptan Dagfinn Halvorsen*** (M/v *Norbel Bulk*)

Funimed li, kif jibda jaħdem, iħallasha[41]; ħareġ ċekkijiet minn kont tiegħu u ta' martu biex isir il-ħlas tal-fatturi mertu tal-każ, liema ċekkijiet milli jidher ma kinux onorati. Hu kien il-persuna waħdanija li dehret għall-Bastiment, ukoll meta saru ż-żewġ trasferimenti. Kull meta ġie mitlub iħallas, kien jitlob li ċ-ċekkijiet ma jissarfux għax kellu problemi bid-dgħajsa u meta ntalab iħallas, offra li jirritorna l-materjal tas-sajd li kien xtara; u li (ii) fil-preżent huwa sid benefiċjarju tal-istess Bastiment;

Illi f'dan ir-rigward id-duttrina tagħraf li "*A beneficial owner is a person who whether he be legal owner or equitable owner or not, lawfully had full possession and control of ship, by virtue of which he has all benefits and use which a legal or equitable owner would normally have*"[42]. Min-naħa l-oħra, "*equitable owner*" huwa "*One who is recognized in equity as the owner of property, because the real and beneficial use and title belong to him, although the bare legal title is vested in another*"[43];

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu għall-fehma li l-ewwel ċirkostanza dwar meta nħalaq il-kreditu u l-kawża għall-azzjoni kif mitlub mill-artikolu 742D(a) huwa sodisfatt;

Illi, madankollu, l-istess artikolu jgħid li l-azzjoni *in rem* tista' ssir ukoll jekk kemm-il darba fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun jew is-sid jew is-sid benefiċjarju jew in-noleġġatur taħt *bareboat charter* tal-bastiment li jkun;

Illi l-Qorti tqis li, mix-xhieda mressqa, is-sehem tal-imħarrek *nomine* kien wieħed ta' kontroll effettiv, minkejja li formalment ma kien qatt is-sid *de jure* tal-Bastiment. Mill-mod kif aġixxa u l-interventi li huwa ħa matul il-ġrajja rilevanti għal dan il-każ fejn jikkonċerna l-Bastiment, l-imħarrek Grech jista' jitqies li kellu l-karatteristika ta' noleġġatur taħt *bareboat* jew *demise charter*. Rabta bħal din hija mfissra f'dan il-kliem: "*under a demise charter the charterer displaces the owner and, for the period of the 'lease', takes possession and complete control of the ship. Under this type of contract, the charterer mans and equips the vessel and assumes all responsibility for its navigation and management*"[44];

Illi dawn iċ-ċirkostanzi jirriżultaw kollha fl-imġiba tal-imsemmi mħarrek Grech fil-ġrajja marbuta mal-Bastiment sa minn mindu nbiegħ mis-sidien taljani tiegħu. Il-fatt li huwa assuma l-atti tal-kawża f'isem l-istess Bastiment matul iż-żmien li din il-kawża kienet miexja jkompli jsaħħaħ din il-fehma;

---

[41] Xhieda ta' Gianpiero Ziottolo f'paġ. 56 tal-proċess
[42] ***The 'Congreso De Partido'***(1971) 1 Lloyds Rep. 536; ***'Andrea Ursula'***(1971) 1 Lloyds rep. 145
[43] Black's Law Dictionary, (Revised 4th Edition, 1968), paġna 1259.
[44] John F Wilson Carriage of Goods by Sea (5th Edit. 2004), f'paġ. 7

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni ċirkostanza maħsuba fl-artikolu 742D(a) tal-Kap 12 tinsab imwettqa;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li għandha ġurisdizzjoni a tenur tal-Artikolu 742D(a) tal-Kap 12, u għalhekk l-eċċezzjoni preliminari mhijiex mistħoqqa u mhix se tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrek *nomine*, bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li hija għandha s-setgħa li tisma' u taqta' l-kwestjoni mressqa quddiemha mill-attur *nomine*; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni fil-mertu.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' Ottubru, 2017**

**Victor Deguara**
**Deputat Reġistratur**